Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Novembru 2026
(OR. en)

16218/26
ADD 1

CCG 37

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Novembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 626 annex
Suġġett:	ANNESSI tar- RIEŻAMI ANNWALI MILL-KUMMISSJONI tar-Rapporti Annwali tal-Attività dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni tal-Istati Membri fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 626 annex.

Mehmuż: COM(2026) 626 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.11.2026
COM(2026) 626 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tar-

RIEŻAMI ANNWALI MILL-KUMMISSJONI

tar-Rapporti Annwali tal-Attività dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni tal-Istati Membri fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011

ANNESS I

Lista ta' Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni tal-UE li fl-2025 irrapportaw xi attività fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011

Tabella. ECAs tal-UE attivi fl-2025	
Pajjiż	*Isem u status tal-ECA*
L-Awstrija	Oesterreichische Kontrollbank AG (OeKB) jaġixxi bħala ECA f'isem ir-Repubblika tal-Awstrija u akkont tagħha fl-ambitu tal-Att dwar il-Garanziji għall-Esportazzjoni.
Il-Belġju	Credendo, l-ECA tal-Belġju, hija istituzzjoni finanzjarja pubblika awtonoma b'personalità ġuridika, iggarantita mill-Istat Belġjan.
Il-Kroazja	Il-Bank Kroat għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (HBOR) jaġixxi bħala l-ECA nazzjonali u jipprovdi assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni akkont u f'isem ir-Repubblika tal-Kroazja.
Iċ-Ċekja	Il-Korporazzjoni tal-Garanzija u tal-Assigurazzjoni għall-Esportazzjoni (EGAP), kumpanija speċjalizzata tal-assigurazzjoni tal-kreditu tal-Istat, u l-Bank għall-Esportazzjoni Ċek (CEB), bank speċjalizzat li huwa kumpanija b'ishma konġunti proprjetà sħiħa tal-Istat Ċek, it-tnejn li huma jaġixxu bħala ECAs u jipprovdu programmi differenti (prodotti bankarji u tal-assigurazzjoni).
Id-Danimarka	Il-Fond għall-Esportazzjoni u l-Investiment tad-Danimarka (EIFO) huwa kumpanija pubblika indipendenti proprjetà tal-Istat Daniż u garantita minnu.
L-Estonja	Aktsiaselts KredEx Krediidikindlustus hija kumpanija tal-assigurazzjoni li taġixxi bħala ECA f'isem ir-Repubblika tal-Estonja u akkont tagħha bħala l-aġent tagħha abbażi tal-Att dwar il-Garanziji għall-Esportazzjoni tal-Istat.
Il-Finlandja	Finnvera Plc hija l-ECA nazzjonali Finlandiża, kumpanija speċjalizzata ta' finanzjament proprjetà tal-Istat tal-Finlandja.
Franza	Bpifrance Assurance Export hija fergħa ta' bank ta' investiment pubbliku (Bpifrance SA) u timmaniġġja l-garanziji tal-Istat għan-nom tal-Istat Franċiż, f'ismu u taħt il-kontroll tiegħu.
Il-Ġermanja	Il-Gvern Federali jġorr ir-responsabbiltà baġitarja għall-iskema ta' garanzija ta' kreditu għall-esportazzjoni tal-Ġermanja. Din hija mmaniġġjata f'isem ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja minn Euler Hermes Aktiengesellschaft (kumpanija tal-assigurazzjoni), b'mandat tal-Gvern Federali.
Il-Greċja	Export Credit Greece S.A. (ECG) hija l-ECA Griega, stabbilita bil-Liġi 4918/2022 (Gazzetta Uffiċjali A'68) bħala société anonyme, u l-Istat Grieg huwa l-uniku azzjonist tagħha.
L-Ungerija	Hungarian Export-Import Bank Plc. (Eximbank) huwa bank speċjalizzat proprjetà tal-istat. Hungarian Export Credit Insurance Plc. (MEHIB) hija kumpanija speċjalizzata tal-assigurazzjoni tal-kreditu proprjetà tal-Istat. Il-bank u l-assiguratur joperaw f'qafas integrat u jaġixxu bħala ECA permezz ta' programmi komplementari.
L-Italja	SACE, kumpanija b'ishma konġunti proprjetà tal-Istat (100 % proprjetà ta' Cassa Depositi e Prestiti), u SIMEST, kumpanija

	b'ishma konġunti kkontrollata minn Cassa Depositi e Prestiti, it-tnejn jaġixxu bħala ECA. Taħt programmi ta' kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati, SACE tipprovdi prinċipalment garanziji u assigurazzjonijiet filwaqt li SIMEST tipprovdi krediti tax-xerrejja u tal-fornituri. Joffru wkoll firxa ta' prodotti ta' kreditu mhux għall-esportazzjoni.
Il-Lussemburgu	Office du Ducroire (ODL) hija l-ECA tal-Lussemburgu, istituzzjoni pubblika li topera bil-garanzija tal-Istat.
In-Netherlands	Atradius Dutch State Business hija l-ECA tal-gvern tan-Netherlands. Twettaq ftehimiet ta' assigurazzjoni ta' krediti għall-esportazzjoni u garanziji li l-Ministru għall-Finanzi jidħol fihom/joħroġ, u tirrappreżenta l-Istat tan-Netherlands.
Il-Polonja	KUKE hija kumpanija b'ishma konġunti li fiha s-sehem dominanti huwa tat-Teżor tal-Istat. KUKE ngħatat il-mandat permezz tal-Att tas-7 ta' Lulju 1994 biex tamministra l-iskema ta' kopertura pura tal-krediti għall-esportazzjoni.
Il-Portugall	COSEC (Companhia de Seguro de Créditos) hija kumpanija tal-assigurazzjoni privata li taġixxi f'isem l-Istat Portugiż, b'koordinazzjoni mad-Direttorat Ġenerali tat-Teżor u l-Finanzi, bħala ECA. BPF (Banco Português de Fomento) huwa bank promozzjonali nazzjonali proprjetà tal-Istat li, mill-2022, beda jaġixxi f'isem l-Istat u akkont tiegħu għal programmi speċifiċi ta' kreditu għall-esportazzjoni.
Ir-Rumanija	Exim Banca Românească S.A. (li qabel kienet *Banca de Export-Import a României EximBank S.A.*), l-ECA nazzjonali, hija kumpanija b'ishma konġunti bl-Istat Rumen bħala azzjonist prinċipali.
Is-Slovenja	SID Bank Inc. hija l-istituzzjoni awtorizzata mir-Repubblika tas-Slovenja biex twettaq is-servizzi ta' ECA. Topera f'isem ir-Repubblika tas-Slovenja u akkont tagħha.
Is-Slovakkja	EXIMBANKA SR hija l-ECA uffiċjali tar-Repubblika Slovakka, entità ġuridika stabbilita skont Att speċjali.
Spanja	Il-Compañía Española de Seguros de Crédito a la Exportación (CESCE) hija kumpanija b'kapital imħallat li fiha l-Istat għandu sehem maġġoritarju. Topera b'mandat biex timmaniġġja assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni f'isem l-Istat Spanjol. L-Instituto de Crédito Oficial (ICO) huwa involut fl-arranġament finanzjarju tat-tranżazzjonijiet f'isem il-Fond għall-Internazzjonalizzazzjoni tan-Negozji rigward il-finanzjament dirett u l-iskemi ta' ffissar tal-imgħax li għalihom huwa responsabbli il-Ministeru għall-Ekonomija, il-Kummerċ u l-Intrapriża.
L-Iżvezja	Il-Bord ta' Garanzija tal-Krediti għall-Esportazzjoni tal-Iżvezja (EKN) u l-Korporazzjoni tal-Kreditu għall-Esportazzjoni tal-Iżvezja (SEK) għandhom mandati simili iżda jvarjaw fl-istruttura organizzazzjonali u fis-servizzi li joffru. L-EKN jassigura r-riskju ta' kreditu u s-SEK tipprovdi rifinanzjament. L-EKN huwa aġenzija tal-gvern. L-SEK hija korporazzjoni kompletament proprjetà tal-Istat.

ANNESS II

Links għal siti web rilevanti għal skopijiet ta' diliġenza dovuta ambjentali u soċjali

L-OECD fuq is-sit web tagħha (https://www.oecd.org/trade/topics/export-credits/environmental-and-social-due-diligence/) tipprovdi informazzjoni dwar id-diliġenza dovuta ambjentali u soċjali għall-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati, inkluż stħarriġ dwar il-prattiki tal-membri u informazzjoni aggregata dwar proġetti appoġġati tal-Kategorija A u B, li potenzjalment iħallu impatti ambjentali jew soċjali negattivi.

Tirreferi wkoll għall-paġni web rilevanti tal-ECAs għad-divulgazzjoni pubblika ta' informazzjoni dettaljata dwar proġetti tal-Kategorija A u B. It-Tabella ta' hawn taħt tipprovdi links diretti għall-ECAs tal-UE.

Tabella. Links għad-divulgazzjoni dwar proġetti li potenzjalment iħallu impatti ambjentali jew soċjali negattivi kkunsidrati għall-appoġġ uffiċjali mill-ECAs tal-UE.

Pajjiż	*Divulgazzjoni pubblika għal proġetti tal-Kategorija A u B, sikwit flimkien ma' informazzjoni dwar prattiki ta' diliġenza dovuta ambjentali u soċjali*
L-Awstrija	https://www.oekb.at/en/export-services/about-oekb-export-services/environmental-and-social-aspects/projects-after-commitment.html
Il-Belġju	https://credendo.com/en/environmental-and-social-due-diligence
Il-Kroazja	L-ebda tranżazzjoni simili
Iċ-Ċekja	https://www.egap.cz/en/information-projects-classified-under-categories-and-b-realized-insurance-egap
Id-Danimarka	https://www.eifo.dk/en/ambition/esg-reporting/
L-Estonja	L-ebda tranżazzjoni simili
Il-Finlandja	https://www.finnvera.fi/eng/export-and-internationalisation/finnvera-as-an-export-finance-provider/es-risk-management-in-finnveras-export-financing-operations Tranżazzjonijiet iggarantiti | Finnvera
Franza	https://www.bpifrance.fr/Bpifrance/Qui-sommes-nous/Nos-metiers/International/Assurance-Export/Evaluation-Environnementale-et-Sociale
Il-Ġermanja	https://www.exportkreditgarantien.de/en/sustainability/trust/supported-projects.html
Il-Greċja	L-ebda tranżazzjoni simili
L-Ungerija	Eximbank: https://exim.hu/en/eximbank-conditions/ MEHIB: https://exim.hu/en/mehib-conditions/
L-Italja	https://www.sace.it/en/about-us/our-commitment/our-environmental-and-social-commitment
Il-Lussemburgu	L-ebda tranżazzjoni simili
In-Netherlands	https://atradiusdutchstatebusiness.nl/en_NL/about-us/policy/transparency
Il-Polonja	https://kuke.com.pl/projekty-notyfikowane-ex-post
Il-Portugall	https://www.allianz-trade.com/pt_PT/eca/politicas.html https://www.etf.gov.pt/en
Ir-Rumanija	https://www.eximbank.ro/en/general-information/
Is-Slovenja	SID Bank – Soluzzjonijiet ta' Assigurazzjoni
Is-Slovakkja	https://eximbanka.sk/en/about-eximbanka/international-relations/background-information-on-the-environmental-and-human-rights-impact-assessment-of-exports-and-investments/

Spanja	Pubblikazzjoni tal-informazzjoni – Cesce España
L-Iżvezja	https://www.ekn.se/en/what-we-do/sustainability/transactions-with-environmental-and-social-impact-assessment/ https://www.sek.se/en/sustainability/